**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR191268** **07.06.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Tnedija tal-ktieb Remembering Sette Giugno 1919 fil-Parlament***

Ilbieraħ l-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa t-tnedija tal-ktieb intitolat *Remembering Sette Giugno 1919* ta' Dr Alexander Cutajar, studjuż tal-istorja u għalliem fil-Kulleġġ ta' Sant Injazju. Dan il-ktieb ġie ppubblikat mill-Parlament ta' Malta b'kollaborazzjoni ma' Kite Group Co. Ltd.

Fl-indirizz tiegħu l-Ispeaker qal li l-Parlament ta' Malta jixtieq li jikber l-għarfien fost il-poplu Maltin u Għawdxi dwar l-importanza tas-sinifikat ekonomiku, politiku, u soċjali tal-ġrajjiet tas-Sette Giugno 1919.

L-Ispeaker fisser kif dawn il-ġrajjiet tas-Sette Giugno tal-1919 influwenzaw l-iżvilupp politiku u demokratiku f'pajjiżna. F'mument mill-aktar delikat fl-istorja tal-gżejjer Maltin, il-Maltin ingħaqdu flimkien sabiex iressqu t-talbiet tagħhom lill-awtoritajiet kolonjali Brittaniċi. B'sabar kbir u b'tant saġrifiċċji huma wasslu sabiex kisbu jeddijiethom, u saħansitra, Malta saret stat sovran u ħadet postha fil-komunità tan-nazzjonijiet fl-1964, bil-Parlament Malti jipproklama r-Repubblika ta' Malta fl-1974, bil-bażijiet militari tal-barrani minn Malta jingħalqu fl-1979, u finalment bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004. Dawn l-iżviluppi politiċi kbar wasslu sabiex il-livell tal-għajxien tal-poplu Malta żdied bil-bosta, tant li llum Malta titqies fost il-pajjiżi avvanzati fid-dinja.

Fi tmiem din iċ-ċerimonja, l-Ispeaker għamel għotjiet kemm tal-ktieb *Remembering Sette Giugno 1919* ta' Dr Alexander Cutajar, kif ukoll pubblikazzjonijiet oħra maħruġa mill-Parlament ta' Malta lill-iskejjel pubbliċi u lill-iskola Mater Boni Consigli, ta' Raħal Ġdid.

Din l-okkażjoni ġiet ukoll indirzzata mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Evarist Bartolo M.P., mill-Whip tal-Oppożizzjoni Robert Cutajar, mill-Professur George Cassar, u mill-awtur tal-ktieb Dr Alexander Cutajar

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**